**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 26 ta' Settembru 2024**

**<u>Rikors nru: 148/2024 AGV</u>**

**AS**

**Vs**

**DS**

**<u>Il-Qorti;</u>**

**<u>Rat ir- Rikors Guramentat ta' AS ;</u>**

Jesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu jikkonferma:

Illi l-partijiet izzewgu fit-tnejn (2) ta' Lulju tas-sena elfejn u hdax (2011) hekk kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkata bhal Dok. A u minn dan z-zwieg twieldu zewgt itfal AU S li ghandha tnax il-sena u PS li ghandha ghaxar snin;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b`kuntratt insinwat fir-Registru Pubbliku fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' April tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) u ffirmat quddiem n-Nutar Pubbliku Dottor Nicholas Charles Vella hawn anness u mmarkat bhala Dok B;

Illi m`hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stente li l-partijiet ilhom mifrudin u jghixu il-hajja taghhom b`mod separat.

Illi hekk kif jistipula l-kuntratt ta' separazzjoni surreferita fl-atti tan-Nutar Pubbliku Dottor Nicholas Charles Vella, hawn l-ebda manteniment dovut bejn il-partijiet hekk kif gie stipulat f ' paragarfu illi l-partijiet jiddikjaraw illi iddekadew b`mod reciproku mill-obbligu u hlas ta' manteniment lil xulxin, Ghalhekk ma jistghux jitolbu hlas ta' manteiment minghand xulxin";

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudifaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-artikolu 66B tal-Kodici Civili , il-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l- hall taz-zwieg li gie ccelebrat fl-14 ta 'Jannar tas-sena elfejn u erbgha (2004) bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-registratur tal-Qrati sabiez fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

**Rat ir- Risposta ta ' DS**

**Teccepixxi bir-rispett:**

1. Illi fl-ewwel lok in lienea preliminarji l-kunjom tal-konvenuta huwa Su mhux B kif indikat mir-rikorrent fir-rikors promotur tieghu. Illi ghalhekk ir-rikorrent ghandu jaghmel id-debita korrezzjoni;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas sueccepit , l-eccipjenti tirrileva illi prezentament hi dovuta is-somma ta EUR 271 minghand ir-rikoorent. Rapprezenatanti sehmu koncernanti diversi spejjez edukattivi li hi ghamlet ghal minuri uliedhom AU u P ;

3. Ili kemm il-darba r-rikorrenti jindrizza dak hawn fuq eccepit hi ma jkollha l-ebda oggezzjoni ghat-talba tieghu ghall-pronunzjament tal-hall taz-zwieg ta' bejniethom;

4. Illi ghal din it-talba tar-rikorrenti l-esponenti ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri liema spejjez ghandhom jigu sopportati fl-intier taghhom mir-rikorrent.

Bl-ispejjez.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat fl- 14 ta' Jannar 2004**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez a kariku tar-rikorrenti, bi qbil bejn il-partijiet.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**